**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sarah Magri]**

**vs**

**Annise Bejaoui**

**Kumpilazzjoni Numru:735/14**

**Illum, 26 ta' Novembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Annise Bejaoui detentur tal-karta tal-identita` numru 387889M gie akkuzat talli nhar il-5 ta' Awwissu, 2014 ghall-habta tal-22:00hrs, gewwa r-Rabat,

1. ikkommetta serq ta' handbag konsistenti xi oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi il-valur ta' €232.94, liema serq sar kkwalifikat bil-'Hin', bil-valur u bil-vjolenza ghad-detriment ta' Marianna Calleja u/jew persuni ohra *(Artikoli 261(c)(f), 267, 270 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

2. U aktar talli billi fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel griehi ta' natura hfief fuq Marianna Calleja hekk kif iccertifikat minn Dr Louis Deguara

Akkuzat ukoll li kiser kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta mill-Qorti diversament preseduta, f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja u li jkun f'dawk il-hinijiet rinkazat kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba tqis lil Annise Bejaoui bhala recidiv ta' diversi sentenzi a tenur ta' l-Artikolu 49,50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi l-verbal tad-difiza datat disa' (9) ta' Lulju elfejn u tmintax (2018) fejn ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta (6) ta' April elfejn u hmistax (2015) fejn gew elenkati l-Artikoli tal-Ligi li bihom tista' tinstab htija kontra l-imputat u cioe':-

- Fl-Artikoli 261 (a)(c)(f), 267, 270, 274(d), 277(a), 279(a), 280(2), 280(3) b'referenza ghall-Artikolu 276A u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 221(1) u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 579(1) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat Annise Bejaoui ddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza surriferita;

Rat illi l-imputat ghandu fedina kkulurita hafna u ghal din ir-raguni m'ghandhiex triq ohra hlief li timponi sentenza ta' prigunerija effettiva.

Il-Qorti tordna wkoll ir-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest fil-konfront tal-imputat datat wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju, elfejn u hmistax (2015) moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 261(c)(f), 267, 270 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Annise Bejaoui hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih fuq ammissjoni u tikkundannah ghal tliet (3) snin prigunerija effettivi.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**